XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 24**
**27 ta' Ottubru 2014 fl-4:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:30 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati**

| | |
|---|---|
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 23 tqassmu qabel u ghalhekk gew approvati.

2. **Jum Ix-Xewkija 2014/ Premju Gieh ix-Xewkija 2014**

   Il-Kunsill qabel li s-serata Premju Gieħ ix-Xewkija jsir fic-Centru Parrokkjali fit-22 ta' Novembru. Kien hemm qbil ukoll li l-Banda Prekursur tiehu sehem f'din is-serata. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt mas-Segretarju tal-Banda Prekursur biex jinfurma lil kunsill x'ser jikkonsisti l-programm tagħhom. Kien hemm qbil li jsir essay competition u tqassim ta' premijiet bhas-snien ta' qabel. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mas-Surmast ta' l-Iskola rigward dan. Il-Kunsilliera qablu

XEWKIJA

ukoll li bhas-snien ta' qabel jinxtara materjal edukattiv u kotba għal librerija ta' l-iskola Primarja fl-amount ta' 200 euro.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsir it-Tournament tal-Football bit-tqassim tat-trophies il-Ħadd 23 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel ukoll li fis-27 ta' Novembru jsir l-quddiesa ta' Jum ix-Xewkija fil-Kapella tal-Ħniena u wara jitpogga bukett ward fuq il-monument tal-gwerra.

3. **Harga tat-Tfal u l-Anzjani fi zmien il-Milied 2014**

Il-Kunsill qabel li għandha terggha issir l-attivita' ta' l-anzjani u tat-tfal. L-anzjani jħallsu u jmorru quddiesa, ikla u spot prizes u tingħata rigal lil kull anzjan. Rigward l-attivita' tat-tfal iħallsu ukoll u jmorru ic-cinema u jingħataw drink u popcorn. Il-Kunsill qabel.

4. **Attivita' marbuta mal-Community Chest Fund u l-President ta' Malta**

Is-Segretarja infurmat lill-Kunsilliera prezenti li attendit laqgħa fejn gie diskuss li l-President ser tkun Għawdex fl-20 u l-21 ta' Dicembru tigbor min kull raħal donazzjonijiet għal l-istrina.

5. **Culvert ta' l-ilma fi Triq San Bert**

Is-Sindku gibet l-attenzjoni Triq San Bert qed issir min WSC u l-Ministeru għal Għawdex . Hu kompla jgħid li hemm il-ħsieb li jsiru xi culverts f'certu partijiet ta' San Bert biex l-ilma tax-xita jkun jista' jingabar u jmur fi triq alternativa ohra. Is-Sindku infurma lil kunsilliera prezenti li qed issiru diskussjonijiet u laqgħat rigward dan peress li din hija xi ħaga li mhux imdahhla fix-xoghlijiet tal-progett. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u Il-Kunsillier George Zammit u l-bqija tal-kunsill kollu qablu li jekk nistgħu jigu iffrankati jkun aħjar. Is-Sindku enfasizza li irridu nifhmu li dawn il-culverts mhux parti mill-progett izda xi ħaga li tirrigwardja lilna tridx issir jew le. Is-Sindku kompla jgħid li peress li din hija importanti ħafna għar-residenti ta' San Bert biex ma jibqgħux ibatu konsegwenzi fix-xita trid issir. Aktar tagħrif jingħata fil-laqgħa li jmiss fuq dak li jkun gie diskuss. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li nieħdu parir mill-Accountat tal-Kunsill qabel. Is-Sindku infurma lil kunsilliera prezenti li dejjem qed nieħdu parir qabel ma jinħargu flus mill-accountant tal-Kunsill.

## 6. Ambaxxatriċi ġdid/a tal-Vote 16

Il-Kunsill irringrazzja lis-Sinjorina Kristy Scibberas tas-servizz li hija tat matul dawn l-aħħar xhur bhala Ambazzatrici tal-lokalita'. Il-kunsill għazel lil Sarah Apap li accetat biex tkun l-ambaxxatici l-gdida peress li għalqet it-tmintax-il sena Kristy Scibberras.
Il-Kunsill għazel zgħazagħ oħra li kienu Emily Hili u Hailey Sciberras li ma kienux interessati għal din il-kariga.

## 7. Gemillagg

Is-Sindku infurma lil Kunsilliera li giet e-mail minn Pachino li ser jigu Malta fil-gimgħa ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet min ser ikun jgħin biex issir din l-attivita' ukoll waqt l-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija. Is-Sindku qal li ser jinkludi lis-Sotto Kumitat biex jgħinu.

## 8. Latrina fi Pjazza San Gwann Battista

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li qed isiru diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex biex titkompla l-latrina bl-għajnuna tal-Ministeru ghal-Għawdex u l-Kunsill iħallas l-lift. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard regget uriet lil-Kunsilliera prezenti li hi qatt ma qablet ma dan il-Progett tal-Latrina li titkompla. Is-Sindku infurma lil Kunsilliera prezenti li din id-decizjoni ga ittiehed fl-laqgħat precedenti u li huwa fl-interess tar-raħal li jitlesta dan il-progett. Jeanelle Attard regghet staqsiet rigward jekk hux possibli li minflok mobile toilets jibdew jitħallsu l-kazin tal-football u c-Centru biex jintuza il-public convenience tagħhom. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li hi bgħatet e-mail lil monitoring unit fuq dan u qed tistenna risposta lura minn għandhom.

## 9. Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

1. Ittra mingħand Reġjun t'Għawdex rigward 'Sign posting project'. Il-Kunsill iddecieda li mhux ser jiehu sehem peress li hemm time frame qasir biex tapplika.
2. Ittra mingħand Merlin Publishers rigward kotba għall-librereija. Il-kunsill qabel li jixtri set għall-librerija.
3. Ittra mingħand Louis Debattista fuq Gozo Greyhounds Sport Club & Gozo Rocks! Clean & Green Hikes. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' isir bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill.
4. Ittra mingħand resident rigward talba għall-linji sofor maġenb ir-rampa tiegħu fi Triq Ibisku. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lil Enemalta biex jipparkaw fil-parking tagħhom.
5. Ittra mingħand Communications Coordinator fuq servizzi għall-persuni minn 60 'l sena 'l fuq.
6. Ittra mingħand Propjeta tal-Gvern rigward no objection min naha tal-Kunsill biex jitneħħew il-bankijiet u bandli fl-area ta' Gokk. Il-Kunsill ser jara jekk il-Ħaddiema tal-Kunsill jistawx innehhuhom huma jekk le jitneħħew bi spejjez ta' Ronald Debrincat.
7. Ittra mingħand Healthy steps rigward taħdita dwar anzjeta fi tfal. Il-Kunsill mhux ser jiehu sehem peress li fi zmien li hemm l-attivitajiet tal-Kunsill.

8. Ittra mingħand Deborah Pace biex tingħażel persuna bħala ambaxxatur tal-Vote 16.
9. Ittra mingħand Joseph Dingli fuq it-tournament tal-futbol ta' Jum ix-Xewkija biex issir bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.
10. Ittra mingħand ir-Regjun fuq Jum Għawdex.
11. Ittra mingħand Regjun fuq laqgħa ta konsultazzjoni fuq il-Valletta 2018 GIS Cultural Mapping.
12. Cirkulari nru 11/2014 Qualifications of key personnel mingħand id-Department tal-Gvern Lokali.
13. Email mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar it-Tinei sejħa għal talbiet biex jiġu mistħarrġa mill-'Grievances Units'.
14. Ittra mingħand WSC dwar Tenders u xogħoljiet proponati mill-Kunsilli.
15. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali fuq "Europe for Festivals' .
16. Ittra mingħand l-Assoċjazjoni Għal Gvern Lokali dwar Ċirkulari AKL 65/2014 HSBC Water Programme-Catch the Drop Campaign.
17. Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Għal Gvern Lokali dwar il-proġett SEEMORE-Seminar dwar Mobilita' Sostenibbli u t-Turizmu.
18. Ittra mingħand il-MEPA fuq il-passagg ta' Ġnien Ta' Blankas.
19. Ittra mingħand Vincenzo Giannone fuq Youth Exchange – Erasmus+ biex jigi Malta fuq spejjez tieghu li jghin fl-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan.
20. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar l-Akkumalazjoni tal-Vacation Leave.
21. Ittra mingħand l-ufficcju tal-President fuq laqgħa ma l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca dwar l-Istrina.
22. Ittra minghand Pauline Galea min Seismic Monitoring and Research unit dwar University Seismograph site.

## 10. Kontijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti. Il-Kunsillier George Zammit issugerixxa li l-kont fuq xogħol fil-Pjazza San Gwann Battista għal-umbrella jigi diskuss fil-laqgħa li jmiss peress li ma kienx prezenti fil-laqgħat fejn kienet diskussa. Il-Kunsill qabel li jigi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 11. Ilmenti u Suggerimenti

i. Ilment biex jerggha jsir bank fi Triq Santa Marija peress li inkisser. Il-Kunsill ser jaghmel talba lil Kumpanija Green pak fuq dan.
ii. Sar ilment li qegħed jgħaddu trakkijiet minn Triq Ħamrija allavolja hemm t-tabelli. Il-Kunsill qabel li tintbghat ittra lil Awtoritajiet koncernati fuq dan.
iii. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ghamlet ilment dwar hmieg li jaqgha mis-sigar fi Triq Widnet il-Bahar li qed ikun hemm l-insetti hdejn l-iskola. Is-Segretarja ser tinforma lil kennies biex jiknes aktar ta' sikwit dik l-area. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet suggeriment rigward mera gdida fi Triq il-Hamrija kantuniera ma Triq St John. Is-Segretarja ser taghmel dan is-suggeriment bil-customer care.

## 12. Affarijiet Oħra

Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li baqala pendenti 166.50 siegħat Vacation Leave minn tas-sena 2014. Il-Kunsill qabel b'mod unaniment li dawn jigu akkumulati mas-sena 2015 peress li dejjem kien hemm ix-xogħol il-Kunsill u peress li

XEWKIJA

f'Novembru hemm diversi attivitajiet, deadlines u commitments impossibli li tiehu VL. Is-Segretarja infurmat lil Kunsill li jekk ix-xoghol jippermetti tiehu ftit siegħat f'Dicembru. Il-Kunsilliera prezenti qablu li jekk ma jkunx possibli li tiehu l-VL minħabba rugunijiet ta' ħafna xogħol jigi akkumulat kollu mas-sena 2015.

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hemm skema LEAP li tħaddem persuni b'dizabilita'. Is-Sindku informa lil Kunsill li kien hemm zewg persuni b'dizabilita' li interessati li ser ikunu jgħatu servizz fix-Xewkija u l-kunsill ma jħallas xejn. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku kompla jghid ukoll li x-Xewkija ser tibenifika servizz ta' Street Sweeper fix-Xewkija.

Il-Kunsillier George Zammit staqsa f'hiex wasal l-kuntratt tal-perit prezenti ta' John Saliba. Is-Sindku infurmah li l-kuntratt ghalaq u hemm il-ħsieb li l-perit jigi inkarigat fil-progetti partikulari u tispicca s-sistema ta' perit wiehed fuq kollox.

**Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa giet aggornata fis-7:30p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |